**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 25 ta' Frar 2025

**Il-Pulizija**
**vs**
**Stephen Michael Cassar**
(Detentur tal-permess tar-residenza Maltija bin-numru 122987(M))

**Il-Qorti,**

Rat li Stephen Michael Cassar, ta' 25 sena, iben Mark u Diane nee' Schembri, imwieled Pieta' fl-20 ta' Frar 1987, u residenti nru 67, Triq Tonna, Sliema, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 122987M:

*U nakkuzak talli nhar il-11 ta' Mejju 2012 fi Triq is-Sebh, Qormi ghal habta ta' 16.30hrs, volontarjament hassart jew gharraqt hwejjeg hadiehor, billi waqt li kont qed isuq il-vettura Ford Fiesta ta' kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni FCA143 volontarjament bqajt diehel go vettura tat-tip Peugeot 207 bin-numru tar-registrazzjoni JON528 u ghammilt hsara ta' il-fuq minn €420 ghad-dannu ta' William Vella mis-Swieqi, bi ksur tal-art 325(b) Tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Nakkuzak ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi soqt l-istess vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod iehor perikoluz bi ksur tal-art 15 (l)(a) tal-kap 65 tar-regolamenti tat-traffiku.*

*Nakkuzak ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi barra fit-triq is-Sebh Qormi waddabt oggetti iebsa fid-direzzjoni ta' Jonathan Vella bi ksur tal-art 339 (a) (b) (d) (e) (f) u 340 (d) u ta' LG 344 2005 Art 4 Skeda 1*

*Nakkuzak ukoll talli int Sirt ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-magistrati ta' Malta Magistrat Dr. S.Demicoli LLD tal-14/07/11 u talMag Dr. D. Clarke LLD tal-21/11/11 u li ksirt il-kundizzjoni imposta fuqek b'din is-sentenza.*

*Nakkuzah ukoll talli fl-istess hin jum lok u cirkustanzi volontariament kiser il-bon ordni u 1-kwiet publiku bl-ghajiat u glied bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kas ta ' ħtijja tapplika il-provediment tal-artikolu 383(l) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta ' Malta a favur ta ' Nigel Calleja u li 1-istess Stephen Michael Cassar jigi sospiz minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat illi waqt is-seduta tal-għaxra (10) t' April 2025 il-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu waslu f' patteġġjament u kienu ser isegwu l-proċedura formali ta' patteġġament, u sussegwentement is-seduta tal-għoxrin ta' mejju 2020 ippreżentaw rikors konġunt ai termini tal-artiklu 392A(5).

Rat illi waqt l-istess seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar 2025 l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 325(b), 338(bb), 339(a)(b)(d)(e)(f) u 340(d) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, u l-Artikolu 4 Skeda 1 tal-Kapitolu 435 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni issib lill-Stephen Michael Cassar, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 122987M, ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sena (1) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien sentejn (2) mil-lum, kif ukoll għal ħlas ta' multa ta' ħamsin ewro (€50).

In oltrè a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex fi żmien sitt (6) xhur mil-lum huwa jħallas lill-parti leża bħala danni l-ammont ta' elf disa' mija u tlett ewro u erba' u tletin ċenteżmu (€1,903.43).

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għal dak kontemplat bl-artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------